MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 535/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**Vs**

**Omar Psaila**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Omar Psaila detentur tal-karta tal-identita` numru 225881(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Frar 2009 u fix-xhur ta' qabel,

"(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghallesportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Ottubru, 2012, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939 sabet lill-imputat mhux hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta' Novembru, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha migjuba f'dan il-kaz issib lill-imputat appellat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

Illi fil-5 ta' Novembru 2012, l-esponent irceva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, *inter alia* għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputat mill-imputazzjoni miġjuba kontrih, nonche saħħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi u għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, *inter alia* ai termini tal-artikolu 413(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-umli fehma tal-esponent il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha ssib ħtija u dan ghaliex l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat appellat huma pruvati grazzi għall-ammissjoni magħmula mill-imputat appellat stess lill-Pulizija wara li huwa kien inghata t-twissija li huwa ghandu d-dritt li ma jwegibx ghad-domandi li jsirulu u li dak kollu li jghid u li jaghmel jista' jintuza bhala prova kontra tieghu.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eskludiet il-konfessjoni tal-imputat appellat in bażi għall-fatt li :-

*"l-istqarrija ttiehdet fi zmien meta l-Ligi Maltija ma kinitx tippermetti assistenza legali qabel isir linterrogatorju, u konsegwentement, din l-istqarrija ma jista jkollha ebda influwenza diretta jew indiretta fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali, ghaliex ttiehdet bi ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq tal-imputat kif interpretat mill-Kostituzzjoni u l-Qorti Ewropea. Ghaldaqstant din l-istqarrija qed tigi skartata.*

*L-istess ragunament japplika wkoll ghal dak kollu li allegatament qal l-imputat lill-ispettur qabel l-istqarrija ttiehdet bil-miktub u ghall-istess ragunijiet, ix-xhieda ta' l-ispettur Dennis Theuma, ta' WPS 120 Caroline Marmara u PC 1250 Paul Saliba f'dan il-punt qed tigi skartata."*

Illi dan gie ritenut mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) wara li l-istess Qorti rat id-digriet taghha stess datat 6 ta' Gunju 2012 li permezz tieghu kienet cahdet talba ghal riferenza kostituzzjonali, fejn l-istess Qorti kienet irriteniet illi r-rimedju li ghandu jinghata ghal ksur ta' smiegh xieraq tal-imputat *"huwa propju dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta'* ***Privitera*** *… u cioe li l-Qorti tal-Magistrati "tevalwa l-validita u l-ammissibilita tal-provi migjuba quddiemha" fid-dawl tal-konkluzjonijiet tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser li l-atti tal-kawza odjerna ghandhom jibqghu intatti, pero meta din il-Qorti tasal biex taghti s-sentenza ghandha tixtarr il-provi migjuba quddiemha sabiex tassigura li l-htija jew l-innocenza ta' l-imputata tigi esklussivament stabbilita minn provi mhux inkwinati minhabba li jilledu d-dritt ta' smiegh xieraq, u li l-istqarrija de quo ma jkollha l-ebda influwenza, diretta jew indiretta, fuq l-ezitu ta' dawn il-proceduri kriminali."*

Illi ghaldaqstant il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz odjern, ghalkemm zammet l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat appellat fil-process, skartata bhala prova u ddecidiet il-kaz minghajr ma ghamlet analizi tal-istess stqarrija u l-kontenut taghha. Illi ghall-istess ragunijiet il-Qorti ghazlet li tiskarta x-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma, ta' WPS 120 Caroline Marmara u ta' PC 1250 Paul Saliba u dan minkejja l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat appellat fejn stqarr il-kommissjoni tar-reati imputati lilu. Illi bid-dovut rispett, konxju tas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijet tal-Bniedem, kif ukoll tal-Qrati Maltin dwar din il-materja, l-esponent umilment itenni li ma jaqbilx ma din il-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) f'dan il-kaz. Illi dan qed jinghad ghar-ragunijiet segwenti :-

(i) Illi l-esponent itenni għal darb'oħra li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qrati Maltin fis-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Alvin Privitera*** citata mill-Qorti, kif ukoll sentenzi ohra fuq l-istess materja fosthom ***Il-Pulizija –vs- Mark Lombardi*** u ***Il-Pulizija –vs- Esron Pullicino*** tnisslu mill-każ fl-ismijiet ***Salduz v Turkey.*** Illi b'kull dovut rispett pero' għandu jiġi rilevat illi l-*fatti specie* fil-kaz *Salduz* huma ferm differenti minn dawk fil-każ odjern fejn fil-fatt, f'dak il-każ, kien ġie allegat, fost affarijiet oħra, trattament ħazin waqt l-interrogazzjoni, kif

ukoll illi l-istqarrija giet rilaxxjata wara li l-istess kien mġiegħel jagħmel dan, mentri fil-każ odjern ma jirriżulta minn imkien illi l-imputat appellat kien b'xi mod immaltrattat, jew mġiegħel jirrilaxxja stqarrija mill-Pulizija.

Illi kuntrarjament għal kaz ċitat hawn fuq, l-istqarrija mogħtija mill-imputat appellat lill-Pulizija kienet magħmula volontarjament, minghajr theddid, weghdi jew promessi *u* dan wara li l-imputat kien inghata t-twissija li huwa ghandu d-dritt jibqa' sieket u li dak li jistqarr jista' jingab kontrih bhala prova. Illi ghaldaqstant ma jistghax jinghad li din l-istqarrija hija vizjata u/jew tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem.

(ii) Illi *in oltre* minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma li l-konsiderazzjonijiet li saru mill-Qrati Maltin fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Alvin Privitera***, kif ukoll sentenzi ohra fuq l-istess materja hawn fuq citati huma ormai superati bid-deċiżjoni aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet ***"Charles Steven Muscat v Avukat Generali"*** deċiża nhar it-8 ta' Ottubru 2012.

Illi jidher mill-atti illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma ħaditx in konsiderazzjoni is-sentenza fl-ismijiet ***"Charles Steven Muscat v Avukat Generali"*** deċiża ġimgħatejn qabel id-data ta' din is-sentenza. Kif ben tajjeb qalet il-Qorti Kostituzzjonali f'dik il-kawza :-

> *"Il-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkużà, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkużà, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġà għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu.* ***Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jwegibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk,***

***mela hemm xi ħaġa ħazina ħafna fis- sistema tal-ħarsien tad-drittijiet.[1]"***

Illi l-esponent jirrileva wkoll illi l-fatt waħdu biss li persuna ma kinetx assistita minn avukat, qabel tkun irrilaxxat stqarrija, ma jimplikax awtomatikament leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq u fil-fatt kien hemm diversi drabi fejn il-Qorti Ewropeja ma sabet l-ebda leżjoni ta' dan id-dritt;

Illi għalhekk l-Qorti għandha tieħu in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha partikolari ta' kull każ qabel tiddeciedi jekk seħħitx tali leżjoni. Illi anke fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Steven Muscat v Avukat Ġenerali,*** il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat illi:

*"Tassew illi hemm element ta' kontradizzjoni fil-motivazzjoni tal-ewwel qorti illi, għalkemm qablet illi "bħala prinċipju ma jezisti l-ebda dritt fundamentali ta' assistenza legali waqt li tkun qed tiġi rilaxxjata l-istqarrija, pero' jezisti d-dritt fundamentali ta' smigħ xieraq fi proċess fejn xi ħadd ikun akkuzat b'reat kriminali", waslet għall-konkluzjoni illi "l-fatt biss li r-rikorrent kien prekluz mill-liġi li jikkonsulta ma' avukat hu bizzejjed sabiex jiġi konkluz li d-dritt pretiz mir-rikorrenti ġie miksur", bħallikieku dan "il-fatt biss" u waħdu, u indipendentement minn kull ħaġa oħra, ipso facto jwassal għal ksur."*

Illi meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni t-totalita' tal-proceduri kollha meħuda fil-konfront tal-imputat appellat, sabiex jiġi determinat seħħitx leżjoni tad-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq, jirriżulta illi fil-każ odjern fil-fatt ma seħħet l-ebda leżjoni u dan wara li jittieħdu wkoll il-konsiderazzjonijiet segwenti -

i. Illi peress li d-dritt tal-konsulenza legali qabel l-interrogatorju kien ghadu mhux in vigore, dan id-dritt ta' konsulenza legali la inghata mill-Pulizija u lanqas ma gie mitlub mill-imputat appellat. Illi madanakollu fil-kors ta' din l-investigazzjoni il-Pulizija, qabel ma l-imputat appellat irrilaxxa din l-istqarrija, huwa kien gie mwissi li huwa setgha ma jwegibx ghad-domandi li kienu ser isirulu, izda dak kollu li huwa kien ser jghid kien ser jitnizzel bil-miktub u

[1] Enfażi tal-esponent.

setgha jingieb bhala prova fil-Qorti kontra tieghu. Illi ghaldaqstant l-imputat appellat kellu d-dritt illi jibqa' sieket għall-mistoqsijiet illi kienu ser isirulu waqt l-interrogazzjoni mingħajr ma ssir ebda inferenza minn dik l-għażla. F'dan ir-rigward il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali*** spjegat illi d-dritt għall-assistenza legali hu meħtieġ b'mod partikolari f'ċirkostanzi fejn il-liġi ta' xi pajjiż toħloq inferenzi sfavorevoli fil-konfront ta' imputat meta dan jagħżel illi jibqa' sieket waqt l-interrogatorju tiegħu u kif dan ma kienx il-każ pero' taħt il-liġi Maltija. Il-Qorti qalet illi:

> *"Fil-liġi tagħna kif kienet fiż-żmien relevanti għall-każ tallum, qabel ma daħlu fis-seħħ l-art. 355AT u 355AU tal-Kodiċi Kriminali, il-jedd li tibqa' sieket u ma tweġibx għall-mistoqsijiet li jsirulek kien assolut u bla kondizzjonijiet, u ma setgħet issir ebda inferenza minn dik l-għażla. Għalhekk, il-konsegwenzi li, fil-fehma tal-Qorti Ewropeja, joħolqu l-ħtieġa ta' parir legali biex l-interrogat jagħżel iweġibx jew jibqax sieket, ma jeżistux fil-każ tallum, għax, għalkemm l-attur ma setax jagħżel li jkellem avukat qabel ma jwieġeb, seta' liberament u bla konsegwenzi ta' xejn jagħżel li ma jweġibx... din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awto-inkriminazzjoni."*

ii. l-imputat appellat fl-ebda mument ma allega xi trattament ħażin *da parti* tal-Pulizija waqt l-interrogazzjoni;

iii. l-imputat appellat kien assistit minn avukat matul il-proċeduri kollha quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

iv. Illi finalment jingħad ukoll illi l-imputat appellat ma kienx minorenni fi żmien meta ttieħditlu l-istqarrija.

Fid-dawl ta' dan kollu l-esponenti jistaqsi kif wieħed jista' serenament u raġonevolment jgħid li l-imputat appellat kien xi persuna vulnerabbli, kif kien meqjus *Salduz,* meta għamel l-istqarrija.

Illi meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qieset li l-istqarrija ma setax ikollha valur probatorju, *stante* li ttiehdet minghajr id-dritt ghall-assistenza legali, l-apprezzament tal-provi kif kien pretiż minnha li tagħmel ma sarx u dan peress li bl-ebda mod m'apprezzat il-kontenut tal-istqarrija miġjuba quddiemha. Illi fl-umli fehma tal-esponent l-istqarrija volontarjament rilaxxjata mill-imputat appellat hija prova produċibbli, ammissibbli u rilevanti għal dan il-każ u l-kontenut tagħha kellu jiġi aċċettat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala prova skont il-Liġi.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tistħarreġ l-istqarrija mhux biss sabiex sempliċiment tara jekk meta gietx rilaxxata l-imputat appellat kienx ingħata d-dritt tal-konsulenza legali qabel, iżda kellha tara wkoll jekk, dan il-fatt li l-imputat appellat ma kienx ikkonsulta m'Avukat, kienx ikkawza xi preġudizzju irrimedjabbli li wassal għal nuqqas ta' smiegħ xieraq. Illi ghaldaqstant fil-fehma tal-esponent il-Qorti kellha tistħarreġ l-impatt ta' tali nuqqas fuq l-assjem tal-proċeduri kriminali kollha meħuda kontra l-imputat appellat fl-isfond li huwa kellha d-dritt sagrosant li jibqa' sieket matul il-proċediment kollu.

Illi fl-umli fehma tal-esponent il-fatt waħdieni li persuna ma tkunx ikkonsultat avukat qabel tirrilaxxja stqarrija m'għandux iwassal awtomatikament għal dikjarazzjoni t'inammissibilita' ta kwalunkwe stqarrija.  Biex ikun hemm tali estremi, fl-umli fehma tal-esponent irid ikun hemm "estremi" u ċirkostanzi partikolari tali li jwaslu raġonevolment u oġġettivament għal Qorti li tkun tista tikkonkludi li in konsegwenza diretta għal tali nuqqas, id-drittijiet ta' persuna għal smiegħ xieraq ikunu ġew irrimedjabilment miksura.

Illi *in oltre* jibqa' l-fatt li l-imputat appellat għamel konfessjoni inkondizzjonata u li din il-konfessjoni kienet magħmula minnu liberament. Illi huwa kien volontarjament ghazel illi  fil-prezena tal-Ispettur Dennis Theuma, WPS 120 u PC 1250 jammetti illi huwa kien ghamel uzu mid-droga eriona u mid-droga kokaina fil-jiem u fil-gimghat ta' qabel id-data li gie arrestat. Illi din il-konfessjoni ma kinetx estorta jew ottjenuta konsegwenza ta' xi swat jew sforzi jew wegħdi minn naħa tal-Pulizija.  Kien ben konsapevoli minn dak li kienet qed jagħmel u ma kienx xi tifel żgħir, vulnerabbli u bla difiża.

Bid-dovut rispett, li jingħad li din il-konfessjoni tant ċara hija inammissibbli għaliex saret bi vjolazzjoni tad-drittijiet fondamentali ta' smiegħ xieraq biss u dan sempliċiment għaliex ma jirriżultax li l-imputat appellat ingħata żmien biex jikkonsulta ma avukat qabel ma kellem lill-pulizija hija bbazata fuq interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Illi dan tenut kont ukoll illi l-imputat appellat kellu kull dritt li jibqa' sieket mingħajr ma jinkorri xi inferenza negattiva u dan id-dritt tas-silenzju assolut mhux biss ingħata lilu iżda huwa għażel liberament li ma jeżerċitahx.

Dan wassal sabiex b'din l-interpretazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) m'għamlitx apprezzament xieraq tal-provi kollha prodotti u b'konsegwenza t'hekk, żbaljatament, illiberat lill-imputat appellat mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Liġi Maltija, fil-Kodiċi Kriminali, tipprovdi regola sempliċi u sagrosanta dwar il-konfessjoni li tgħid–

> *658. Kull ħaġa li imputat jew akkużat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni ġiet magħmula minnu volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.*

Illi permezz ta' digriet tas-16 ta' Frar 2012 fil-kawża fl-ismijiet ***« Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Gialanze »*** l-Imħallef Onorevoli Dr. Lawrence Quinatano jagħraf il-fatt illi s'issa l-ebda Qorti Kostituzzjonali ma ddikjarat li dan l-artikolu u l-artikoli li jsegwu huma lesivi ta' xi wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Illi dan l-artikolu ma jagħmilx distinzjoni fir-rigward tal-**<u>kuntest</u>** fejn tali konfessjoni tiġi magħmula u minn min tiġi magħmula. Ma jagħmilx distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn konfessjoni tkun magħmula minn persuna lill-Pulizija fi stadju t'investigazzjoni jew jekk tkun magħmula ma terzi persuni f'kuntest mhux investigattiv.

L-enfasi ta' din il-Liġi sempliċi u ordinarja hija li konfessjoni, magħmula ma min u fejn magħmula, dment li hija magħmula b'mod ħieles, u dment li tkun magħmula skont

dan l-artikolu, kif fil-fatt sar, għandu jkollha s-saħħa ta' prova favur jew kontra dak li jkun għamilha. Dment li din il-konfessjoni tkun magħmula mill-persuna li tirrilaxxjaha volontarjament u ma tkunx ġiet imġegħla jew meħuda b'theddid jew b'biza jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi tista tinġieb bi prova.

Illi ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent l-effett ta' dan l-artikolu apena citat, maqghud mal-fatt li l-imputat appellat kien gie espressament imwissi bil-konsegwenzi fil-kaz li huwa jitkellem mal-pulizija, u li minkejja tali twissija huwa liberalment ghazel li jkompli jkellem lill-Pulzija, iwassal sabiex tali prova ghandha tigi ritenuta bhala prova legalment valida, producibbli, ammissibli u rilevanti.

Illi fid-dawl ta' dak kollu fuq suespost, l-esponent huwa tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) naqset li tqis il-provi kollha miġjuba quddiemha kif kienet pretiża li tagħmel skond il-liġi, liema nuqqas wassal għall-liberatorja inġustifikata tal-imputat appellat.

Ikkonsidrat

Li skont l-istqarrija tal-4 ta' Frar 2009, l-appellat kien qal li fiż-żmien tal-istqarrija huwa kien qiegħed 'clean.' Huwa ma kienx wieġeb dwar meta kienet l-aħħar darba li ħa d-droga. Huwa kein infakkar, li wara li kienet ngħatatlu t-twissija, l-aħħar li kien ħa droga smack eroina u kokaina kien bejn l-aħħar tas-sena 2008 u l-bidu tas-sena 2009. Madanakollu l-appellat għażel li ma jweġibx.

Għal domanda oħra huwa qal li ħdax-il sena qabel kienu sabulu pakkett erojina u tressaq il-qorti. Fi żmien l-istqarrija huwa kien qed jieħu 60 units tal-methadone.

Il-bqija tal-istqarrija ma kellha x'taqsam xejn mal-imputazzjonijiet.

Mix-xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma jirriżulta li qabel l-istqarrija huwa kien ta twissija lill-appellat. Verbalment l-appellat, quddiem l-istess spettur , WPS 120 u PC 1250 kien

ammetta verbalment li kien għamel użu tal-erojina u mid-dorga kokaina fil-jiem u ġimgħat ta' qabel id-data meta kien ġie arrestat. Dan qalu meta kien ġie mogħti t-twissija u l-akkuża nħarġet abbażi ta' dak li kien qal l-appellat. (Ara wkoll il-kontro-eżami a fol 11 dwar dak li qal l-appellat kif ukoll dwar li l-ispettur kien ta t-twissija lill-appellat kemm qabel ma kellmu verbalment kif ukoll qabel l-istqarrija).

Mix-xhieda ta' WPS 120 Caroline Marmara kkonfermat li l-appellat kien ingħata t-twissija qabel ma saret il-konverżazzjoni. L-appelalt kien ammetta magħhom li kien ħa l-erojina u kien indiak wkolll iż-żmien. (ara fol 16).

Xehed ukoll PC 1250 Paul Saliba li kkonferma li kienet ngħatat it-twissija lill-appellat li u li dan kien qalilhom li erojin bejn is-ena 2008 u l-bidu tas-sena 2009.

A fol 21, fil-verbal tat-12 ta' Marzu 2012, il-partijiet qablu li l-imputazzjonijiet huma bbażat esklussivament fuq l-sitqarrija tal-imputat.

Fis-6 ta' Ġunju 2012, il-Qorti tat digriet li fih hija ddeċidiet li ma kienx hemm bżonn issir referenza Kostituzzjonali għaliex il-materja kienet diġa' deċiża awtorevolment u ddikjarat li kienet ser issegwi d-direzzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali skruplożament. Il-Qorti tal-Maġistrati skartat kemm l-istqarrija kif ukoll dak li l-appellat qal lill-Pulizija, wara li kien twissa, qabel ma saret l-istqarrija minħabba nuqqas ta' assistenza ta' avukat.

Is-sentenza ngħatat fl-24 t'Ottubru 2012, jiġifieri ftit jiem biss wara li l-Qorti Kostituzzjonali kienet tat is-sentenza fl-ismijiet 'Charles Steven Muscat kontra l-Avukat Ġenerali' li ngħatat fit-8 t'Ottubru, 2012. F'din is-sentenza hemm il-paragrafi segwenti:

'26. Relevanti wkoll dak li jingħad fil-para. 54: "This right [to assistance by a lawyer] indeed presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case against the accused without resort to evidence

obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused". Fil-każ tal-lum ma saret ebda allegazzjoni ta' theddid, vjolenza jew abbuż.

27. Għandu jingħad ukoll illi l-Qorti Ewropea wkoll fl-istess każ ta' Salduz osservat illi l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każ biss li, minħabba f'hekk, il-ġustizzja tal-proċess tkun kompromessa:

'Article 6 - especially paragraph 3 – may be relevant before a case is sent for trial if and so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with its provisions.[10]»

28. Naraw issa kif dawn il-prinċipji jolqtu l-każ ta' llum.

29. Fil-każ ta' llum l-attur kien raġel matur li ġa kien qiegħed jiskonta sentenza fil-faċilita korrettiva meta kien interrogat: l-istqarrija għamilha fis-7 ta' Awissu 2002 u kien ilu l-ħabs mill-1994. Kellu esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma oħra ta' vulnerabilita hekk li faċilment ikun intimidit bl-ambjent fejn issir l-interrogazzjoni. Għalhekk, ma hemmx il-fattur li wassal għal

sejbien ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq fil-każijiet ta' Il-Pulizija v. Esron Pullicino[11], fejn il-persuna interrogata kienet għadha minorenni, u ta' Il-Pulizija v. Alvin Privitera[12], fejn il-persuna interrogata kienet ilha biss erba' xhur li għalqet it-tmintax-il sena.

30. F'dan il-kuntest huwa relevanti dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-każ ta' Paskal v. l-Ukrajna[13]: "the level of the applicant's expertise cannot be discounted in assessing whether his consent to participate in the particular questioning was well-informed"[14].

10 Salduz v. it-Turkija, para. 50

1 Q. Kost. 12 ta' April 2011, rik. 63/2009. jud). 111234 PQQa.. ErKa.oD. s7.Bt8. ..1 115 t ata' 'A Spertilt e2m01b1ru, r2ik0.1 210, /r2ik0o0r9s. 24652/04.

31. Relevanti wkoll il-fatt illi l-attur kien mgħarraf bil-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jweġibx. Kif rajna, din l-għażla seta' jagħmilha bla konsegwenzi ta' xejn u għalhekk għamilha b'liberta sħiħa. Ma hemm ebda xiehda u lanqas allegazzjoni li kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Din il-liberta' fl-għażla jekk iweġibx jew le tagħti garanzija kontra kull preġudizzju minħabba awtoinkriminazzjoni.

32. Relevanti wkoll il-fatt illi sakemm fetaħ il-kawża tal-lum fit-2 ta'

Diċembru 2010 – wara li kienet magħrufa s-sentenza ta' Salduz – l-attur qatt ma fittex li jieħu lura l-istqarrija li kien għamel jew li jiċħad dak li qal fiha. Dan huwa sinjal li l-attur stess ma kienx qiegħed iħoss illi tqiegħed taħt svantaġġ inġust bl-istqarrija li, wara kollox, għamilha liberament.

33. Meta tqis ukoll illi l-attur għad irid igħaddi mill-proċess penali bil-garanziji proċedurali kollha li dan jagħti u fejn jinġiebu l-provi kollha, u mhux biss l-istqarrija talakkużat; illi matul dan il-proċess l-attur sejjer ikollu l-għajnuna ta' avukat; u illi l-imħallef togat sejjer iwissi lill-ġurati bil-perikolu illi joqogħdu biss fuq l-istqarrija meta jiddeċiedu dwar ħtija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-oħra, u illi l-imħallef saħansitra jista' jwissi lill-ġurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tinġieb xiehda – li ma tressqitx quddiem din il-qorti – li l-istqarrija ttieħdet bi vjolenza, b'qerq jew b'theddid, din il-qorti hija tal-fehma illi ma ntwera ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq bit-teħid tal-istqarrija tal-attur mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat.'

Aktar reċenti (fit-30 t'April 2014 fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija') il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat sentenza oħra dwar in-nuqqas ta' assistenza legali waqt l-istqarrija:

' Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l-pożizzjoni

legali f'pajjizna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-ligi fl-istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet "John Attard vs L-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali" deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-Qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:

"Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:

". . . the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention."

Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il-pożizzjoni estrema.

Kif ġja' kellha okkażjoni illi tosserva[2], din il-Qorti ttenni illi l-jedd

ta’ għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalita li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta’ difiża lillakkużat: dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b’għażla ħielsa, b’għarfien tal-jedd li jibqa’ sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b’xi mod ieħor abbużivament. Ilksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta’ avukat.

Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f’pożizzjoni ta’ vulnerabilita, djgħufija jew biża’ illi l-esperjenza ta’ interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta’ avukat kellha nfluwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx missewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita’ ħati ma jkunx.

Ċertament, meta hemm dik il-pożizzjoni ta’ vulnerabilita’ t-teħid ta’ stqarrija fl-assenza ta’ avukat tista’ twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta’ Salduz ir-rikorrent kellu biss sbataxil sena meta ġie nterrogat mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta’ avukat u ammetta ħtija. Meta iżda, jumejn wara, reġa’ ġie nterrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien

għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' "Panovits vs Ċipru"[3] l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-Qorti kellha tikkundannah għal disprezz in faciem curia – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalita fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' "Płonka vs Il-Polonja"[4], fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilita minħabba alkoħoliżmu. Fil-każ ta' "Amutgan vs it-Turkija"[5], imsemmi mill-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, instab ksur f'ċirkostanzi fejn "the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer"[6] għax "He maintained that he was illiterate and therefore he did not know what was written in his statement taken by the gendarmes. He also stated that this statement was read out to him and that he was forced to put his thumbprint on the statement to authenticate it"[7].

Illi l-parir ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn iservi biex tingħeleb

dik il-vulnerabilita’ u biex tingħata garanzija kontra kull abbuż fitteħid tal-istqarrija.”

Illi punt importanti fil-parti motivazzjonali tas-sentenza fil-kawża flismijiet “Pulizija vs Alvin Privitera” (deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-
11 ta’ April 2011) li huwa rilevanti għal din il-kawża huwa illi:
“L-appellant ressaq aggravju dwar ir-rimedju li tat l-ewwel Qorti. Hu jissottometti li d-dikjarazzjoni ta’ leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kellha tikkostitwixxi just satisfaction bizzejjed u ma kellhiex tiddikjara wkoll l-istqarrija bħala nulla u bla effett, imma kellha tħalli f’idejn il-Qorti ta’ ġurisdizzjoni penali biex hi tevalwa lvalidita’ u l-ammissibbilta’ tal-provi miġjuba quddiemha fil-kawża kriminali.

Jiġi rilevat li fil-parti disposittiva tas-sentenza, l-ewwel Qorti ddikjarat biss li n-nuqqas ta’ preżenza ta’ avukat waqt linterrogazzjoni kienet leżiva tad-drittijiet tieghu kif sanċit bl-Artikolu
6 tal-Konvenzjoni. Inoltre fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti lavukat difensur tal-appellat ma sabx oġġezzjoni li tkun il-Qorti ta’ ġurisdizzjoni penali li tevalwa l-validita’ u l-ammissibbilta’ tal-provi

miġjuba quddiemha fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta’ din il-Qorti ta’

leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.”

Illi dan ifisser li anke jekk l-ilment tar-rikorrenti jkun ġustifikat din il-Qorti

ma kienitx se tordna l-isfliz kif mitlub iżda tħalli lill-Qorti li se tiġġudika lkaż

biex tagħmel l-apprezzament tagħha hi.

Illi l-Qorti pero’ jidhrilha mill-fatti ta’ kif ittieħdet l-istqarrija in kwistjoni

illi r-rikorrenti mhuwiex xi persuna vulnerabbli u li allura mhux minnu ġie

mittiefes xi dritt fundamentali tiegħu kif qed jallega hu. Jidher anzi millprovi,

li bdew jinġabru, illi huwa ġab ruħu b’mod arroganti u allura zgur

ma hux xi persuna li ħassitha intimidita mill-uffiċjali tal-Pulizija li

nvestigawh, kif per eżempju rriżulta lil Qorti fil-kawża ta’ Pullicino ġja’

msemmija fejn l-akkużat kellu biss sbatax-il (17) sena. Oltre dan ġie

mwissi sewwa qabel ma ttieħdet l-istqarrija u huwa altru minn ċar illi lisqarrija

saret volontarjament u mingħajr ‘undue pressure’.

Illi l-argument imbagħad li r-rapporti tal-esperti ukoll kisrulu d-drittijiet

fundamentali tiegħu għaliex ma kienx assistit waqt l-eżamijiet li sarulu

hija fil-fehma tal-Qorti mingħajr fundament legali u wisq inqas fattwali. Ir-rikorrenti ma pprova bl-ebda mod li kien hemm xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu fir-rigward.

DEĊIŻJONI

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

**Konsiderazzjonijiet fuq il-każ ta' llum.**

L-ewwelnett minkejja l-verbal li sar bejn il-partijiet fit-12 ta' Marzu, 2012, mill-istqarrija ma jirriżulta prattikament xejn ħlief li l-appellat kellu każ dwar pussess ta' droga ħdax-il sena qabel u kien tressaq il-Qorti.  Dan il-każ kien presummibilmnet konkluż u għalhekk ma jsitax l-appellat ikun proċessat fuqu għal darba oħra fuq il-prinċipju 'ne bis in idem'.  Barra  minn hekk jaqa' għal kollox barra t-time frame indikat fiċ-ċitazzjoni li huwa indikat kif ġej: 'fit-3 ta' Frar 2009 u fix-xhur ta' qabel.'  Dan il-każ la ġara fit-t3 ta' Frar 2009 u lanqas fix-xhur ta' qabel.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ma tqumx il-problema jekk l-appellat kienx assistit waqt l-istqarrija minħabba li fl-istqarrija l-appellat ma ammetta xejn li għandu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet dedotti kontrih. Li jgħoddu fl-istqarrija huma t-tweġibiet u mhux id-domandi li jagħmlu l-Pulizija.  Għalhekk dak li qal l-Ispettur huwa hu jagħmel il-ħames domanda ma jista' jwassal għal imkien.

Jibqa' għalhekk dak li l-appellat qal verbalment lill-Pulizija qabel ma saret l-istqarrija bil-miktub. M'hemmx dubju li l-appellat ingħata twissija mill-Pulizija qabel ma beda jitkellem. Dan il-punt joħroġ mix-xhieda mogħtija mit-tliet uffiċjali.

L-artikolu 658 tal-Kap 9 huwa importanti ferm għax jista' jintuża f'każ li persuna ma tkun wieġbet għall-ebda mistoqsija fl-istqarrija bil-miktub iżda tkun tkellmet dwar l-għemil li wettqet. Dak li jgħid imputat lil xi persuna oħra jista' jittieħed bħala prova u ma jitqiesx bħala hearsay.

Jekk wieħed iqis il-kriterji li ssemmew kemm fis-sentenza 'Charles Steven Muscat konta l-Avukat Ġenerali' kif ukoll fis-sentenza 'Taliana Anthony kontra l-Kummissarju tal-Pulizija', wieħed jikkonkludi li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet ikkonsidrat dak li l-appellat qal lill-Pulizija. L-appellat kellu 27 sena meta huwa tkellem mal-Pulizija u għalhekk ma kienx minorenni. Barra minn dan, din ma kenitx l-ewwel darba li sab ruħu fil-kwariteri tal-Pulizija kif jirriżulta ċar mill-fedina penali tiegħu. Barra dan hu kien ingħata t-twissija qabel ma tkellem. Ma jirriżulta minn imkien li l-appellat kien b'xi mod kostrett jitkellem. Tant li meta saret l-istqarrija bil-miktub huwa ma ta ebda tagħrif li kellu x'jaqsam mal-imputazzjonijiet ta' dan il-każ saħansitra meta saret domanda diretta dwar dak li kien qal lill-Pulizija qabel ma bdiet l-istqarrija. Huwa lanqas biss iffirma l-istqarrija.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-Qorti tal-Maġistrati am setgħetx tinjora dak li l-appelalt qal lill-Uffiċjali tal-Pulizija qabel ma saret l-istqarrija bil-miktub. Minn dak li huwa qal jirriżulta ċar li huwa kellu pussess sempliċi ta' erojina u kokaina skont kif jingħad fl-imputazzjonijiet.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Ġenerali, qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fl-24 t'Ottubru 2012 u minflok, wara li rat ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih imma minflok ma tikkundannah qed

tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet xhur mil-lum.  Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------